MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 99/2004

Kawza fil-lista: 30

**A B**
**Vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-kontendenti izzewwgu fit-22 ta' Dicembru 1984, u minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal u cioe' E ta' sbatax-il sena, D ta' hmistax-il sena u F ta' seba' snin.

Peress illi l-konvenut irrenda ruhu hati ta' adulterju, abbandun, sevizzi, mohqrija u eccessi fil-konfront ta' l-

attrici u di piu renda ruhu nsolvibbli b’ mod li ma jistax isostni l-membri tal-familja tieghu.

Peress illi l-attrici trid tissepara ruhha definittivament minn mal-konvenut u ghal dan l-iskop ottjeniet mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili l-awtorizzazzjoni necessarja ghall-prezenti procedura u dana skond digriet numru 100/2004 li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata ‘DOK AM1’.

Peress illi ai termini tal-imsemmija awtorizzazzjoni l-attrici qed tipprezenta din l-istanza ghas-separazzjoni personali minn ma’ zewgha l-konvenut.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m’ ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-konvenut;

2. Tistabillixxi retta alimentarja settimanali pagabbli mill-konvenut lill-attrici, ghaliha u ghat-tfal taghhom minuri;

3. Tordna li l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri E, D, u F, tigi fdata f’ idejn l-attrici b’ access li jigi stabbilit minn din il-Qorti lill-konvenut;

4. Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-partijiet kontendenti u tikkundA lil konvenut irodd u jirritorna lura lill-attrici il-beni dotali u parafernali taghha;

5. Tordna l-likwidazzjoni u d-divizjoni ta’ l-istess komunjoni ta’ l-akkwisti f’ zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali u tassenja porzjoni lil kull wahda mill-partijiet;

6. Tapplika fil-konfront tal-konvenut dak li huwa provdut permezz ta’ l-artikolu 48 tal-Kodici Civili;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut illi hu ingunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attrici u l-lista tax-xhieda;

Rat li l-konvenut debitament notifikat ghazel li jibqa’ kontumaci;

Rat l-affidavits ta’ l-attrici;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

**Separazzjoni Personali**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma’ zewgha l-konvenut ghar-ragunijiet kontemplati fl-Artikoli 38,40 u 41 tal-Kap.16 imputabbli unikament lill-konvenut.

Illi mill-provi rrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-22 ta’ Dicembru 1984 u minn dan iz-zwieg twieldu tlett it-tfal li tnejn minnhom, D u F ghadhom minorenni.

Illi wara t-twelid tat-tieni tarbija, il-konjugi u senjatament l-attrici bdiet tirriskontra diversi diffikultajiet fil-hajja taghha, kemm personali kif ukoll matrimonjali. Il-fonti ta’ l-inkwiet kien id-dejn bla razan li l-konvenut kien jaghmel ma’ diversi nies ad insaputa ta’ l-attrici, bir-rizultat li f’ okkazzjoni minnhom hu gie arrestat mill-pulizija u ttella’ l-Qorti akkuzat bi frodi. Rizultat ta’ dan gie sospiz l-impieg tieghu ta’pulizija. Din l-attivita’ tal-konvenut kienet qed iggib hafna inkwiet lill-familja tieghu, kemm lill-attrici kif ukoll lit-tfal tieghu, li kellhom diversi drabi jhabbtu wicchom ma’ kredituri rrabbjati, u skond l-attrici, whud minnhom kienu jkunu anke armati, u li kienu joqghodu jistennew lill-konvenut wara l-bieb tad-dar. L-attrici ssemmi okkazzjoni fejn sahansitra hi u wliedha sfaw aggrediti minn kredituri tal-konvenut; u wara din l-okkazzjoni, l-attrici ma felhitx tghix aktar f’ dik it-tensjoni u perikolu li poggihom fiha l-konvenut, u ghalhekk telqet mid-dar konjugali.

Dawn il-fatti irrizultaw mill-affidavit ta' l-attrici u ma gewx kontestati jew kontradetti mill-konvenut; u li ghalhekk il-Qorti tikkonsidera bhala sodisfacentement provati.

Il-Qorti hi tal-fehma li mill-kwadru tal-fatti premess jirrizulta car li l-konvenut huwa responsabbli ta' mohrija fit-termini ta' l-Artikolu 40 fil-konfront ta' martu u ta' uliedu, konsistenti fl-agir irresponsabbli da parti tieghu li jidhol ghal diversi djun li jaf li ma setax jhallas lura u dana ad insaputa ta' martu li kien ikollha konsistentement tiffaccja l-kredituri rrabbjati wara l-bieb tad-dar taghhom. Dan il-komportament abusiv da parti tal-konvenut kien fonti kontinwa ta' dispjacir, tensjoni u perikolu li kkaguna hafna sofferenza lil martu u lil uliedu; u huwa f' dan is-sens li l-konvenut ghandu jigi kkunsidrat hati ta' mohqrija meta halla lil martu tfendi ghar-rasha bit-tfal f' sitwazzjoni ta' perikolu u tensjoni li holoq huwa stess bl-ingieba rresponsabbli tieghu.

Jirrizulta car li l-attrici u uliedhom ma setghux jghixu fil-biza' kontinwa, u ghalhekk kienet gustifikata l-attrici li taqbad u titlaq mid-dar konjugali u ssib rifugju band'ohra.

Minn naha l-ohra pero' ma rrizultawx l-imputazzjonijiet ta' l-adulterju u ta' l-abbandun allegati mill-attrici.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi milqugha.

**Manteniment**

Illi permezz ta' digriet moghti mill-Onorabbli Qorti tas-Sekond' Awla Civili fis-17 ta' Frar 2004, il-konvenut, li f'dak iz-zmien kien sospiz mill-impieg tieghu, kien giet ordnat li jhallas retta alimentarja lill-attrici fl-ammont ta' Lm50 fil-gimgha, in kwantu ghal Lm10 bhala manteniment ghaliha, u Lm40 manteniment ghat-tlett minuri, pagabbli kull xahar bil-quddiem fir-residenza ta' l-attrici, dekorribbli minn dak in-nhar.

L-attrici tghid li nonostante din l-ordni, il-konvenut baqa' qatt ma hallas manteniment, liema fatt qatt ma gie

kontradett mill-konvenut; u li ghalhekk illum ghandhu jghati arretrat ta’ manteniment fl-ammont ta’ Lm1,700.

Illi, ghalkemm illum wahda mit-tfal hija minorenni, il-Qorti thoss li m’ ghandhiex tvarja l-kwantum ta’ din ir-retta alimentarja; u li ghalhekk l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta’ Lm50 kull erba gimghat, rapprezentanti LM25 manteniment ghall-attrici u Lm25 manteniment ghaz-zewg minuri D u F; u dana oltre s-somma fuq indikata.

Illi fil-kaz li eventwalment il-konvenut jibda jaghmel xoghol bi qligh, huwa ghandu jivversa lill-attrici 30% tal-qligh tieghu bhala manteniment ghaliha, u 20% ohra bhala manteniment ghat-tfal jekk dawn ikunu ghadhom minorenni.

**Kura u Kustodja**

Illi peress li mill-provi jirrizulta car li kienet dejjem l-attrici li rabbiet u hadet hsieb it-tfal, huwa fl-interess tal-minuri, anke ghas-sikurezza taghhom, li dawna jbqghu jghixu ma’ l-attrici li ghandha jkollha l-kura u kustodja esklussiva taghhom;  bid-dritt ta’ access ghall-konvenut ghal minuri F kull nhar ta’ Erbgha bejn il-5.00 pm u 7.00 pm u kull nhar ta’ Sibt bejn 10.00 am u 12.00 pm; filwaqt li l-access ghat-tifla D, stante l-eta’ taghha, ghandu jigi konkordat bejnha u bejn missierha, skond ix-xewqat u htigijet taghha.

**Komunjoni ta’ l-Akkwisti**

Illi mill-affidavit ta’ l-attrici li ma giex kontradett, jirrizulta li d-dar matrimonjali <<<indirizz>>> li kienet inxtrat waqt iz-zwieg imbieghet b’ subbasta sabiex jithallas id-dejn li l-konvenut kellu ma’ Alfred B, izda hemm talba ghar-revoka tas-subbasta da parti tal-HSBC rigwardanti dejn dovut lil dan il-Bank.

Illi l-assi tal-kommunjoni jikkonsistu fil-mobbli elenkati mill-attrici fl-affidavit taghha a fol.33 tal-process; izda hemm dejn mal-Maltacom rigward kontijiet mhux imhallsa fuq it-telefon li kien hemm fid-dar matrimonjali. Dan id-dejn inizjalment kien fl-ammont ta’ Lm1,659.39 li minnu l-attrici hallset Lm600.

Illi tenut kont li l-attrici ghandha tiehu minghand il-konvenut is-somma ta’ Lm1,700[1] arretrat ta’ manteniment li fic-cirkostanzi il-Qorti tipprevedi li ser ikun difficli ghaliha totjeni minghand il-konvenut il-hlas ta’ din is-somma, il-Qorti qeda tikkonsenja lill-attrici bi tpacija parzjali ta’ l-imsemmija somma sehemu mill-mobbli fuq indikati [fol.33] li allura ghandhom jitqiesu fl-intier taghhom bhala appartenenti lill-attrici.

Illi rigward id-dejn mal-Maltacom dan ghandu jinqasam bejn il-partijiet, stante li dan jidher li jirreferi ghal telefonati li saru mill-familja kollha meta kienu ghadhom joqghodu fid-dar matrimonjali; u filwaqt li l-attrici hallset minn dan id-dejn is-somma ta’ Lm600, il-kumplament ghandu jithallas mill-konvenut u ghalhekk qed jigi assenjat lilu dan id-dejn, anke bhala tpacja ghal kumplament ta’ l-arretrati ta’ manteniment dovuti lilha.

Rigward proprjeta’ parafernali ta’ l-attrici ma ngiebet ebda prova fir-rigward.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici, limitatament, kif ser jinghad:

[1] tilqa’ l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-raguni unikament imputabbli lill-konvenut;

[2] tilqa’ t-tieni talba u tistabilixxi retta alimentarja fl-ammont ta’ hamsin lira maltin [Lm50] kull erba gimghat pagabbli bil-quddiem fir-residenza ta’ l-attrici, rapprezentanti Lm25 manteniment ghall-attrici u l-kumplament ta’ Lm25 manteniment ghall-ulied minuri;
Fil-kaz li il-konvenut jibda jaghmel xoghol bi qligh, huwa ghandu jivversa lill-attrici 30% tal-qligh tieghu bhala manteniment ghaliha, u 20% ohra bhala manteniment ghat-tfal jekk dawn ikunu ghadhom minorenni;

---

[1] Lm50 fix-xahar mill-17.02.04 sa 14.12.06 – sentejn u ghaxar xhur

[3] Tilqa’ t-tielet talba u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri D u F tigi fdata esklussivament f’ idejn l-attrici; bid-dritt ta’ access ghall-konvenut ghal minuri F kull nhar ta’ Erbgha bejn il-5.00 pm u 7.00 pm u kull nhar ta’ Sibt bejn 10.00 am u 12.00 pm; filwaqt li l-access ghat-tifla D, stante l-eta’ taghha, ghandu jigi konkordat bejnha u bejn missierha, skond ix-xewqat u htigijet taghha;

[4] Tilqa’ r-raba talba u tiddikjara xjolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti b’ effett millum; u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-kumplament ta’ din it-talba;

[5] Tilqa’ l-hames talba u tilllikwida u tassenja l-kommunjoni ta’ l-akkwisti billi: tassenja lill-attrici s-sehem tal-konvenut mill-mobbli minnha elenakti fl-affidavit taghha a fol.33 tal-process; filwaqt li tassenja lill-konvenut il-bilanc tad-dejn li ghad fadal mal-Maltacom;

[6] Tilqa’ in parte s-sitt talba u tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispost ta’ l-Artikolu 48[1][d] tal-Kap.16.

L-ispejjez kollha ghandhom ikunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------